**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Illum, il-Ħamis, 7 ta' Ottubru, 2021**

**Rikors Nru: 926/2021**

**Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 802/2021 fl-ismijiet:**

***JOHAN HUY F'ISMU PERSONALI U GĦAN-NOM U IN RAPPREŻENTANZA TA' WHITE SAILS CO. LTD***

***VS.***

***MARK ATTARD***

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa digriet finali dwar tliet talbiet imressqa minn Johan Huy *pro et noe*: (i) sabiex jitħassar id-digriet tal-21 ta' Lulju, 2021, li permezz tiegħu din il-qorti kienet ħassret il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 802/2021; (ii) sabiex titneħħa l-penali li weħel *Johan Huy pro et noe* skont dak l-imsemmi digriet; u (iii) sabiex tordna l-ħruġ mill-ġdid tal-mandat ta' sekwestru 802/2021;

***Daħla***

2. B'rikors imressaq fit-**<u>22 ta' Settembru, 2021</u>**, Johan Huy *pro et noe* fisser li b'digriet tal-21 ta' Lulju, 2021, din il-qorti kienet laqgħet talba ta' Mark Attard biex

jitneħħa l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 802/2021 għaliex sabet li dan ma kienx *prima facie* ġustifikat skont l-**artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Fl-istess digriet, il-qorti kienet ikkundannat lil Johan Huy *pro et noe* sabiex iħallas penali lil Mark Attard fis-somma ta' €4,500;

3. Huwa jilmenta mill-fatt li f'dan id-digriet ingħata l-impressjoni li Johan Huy *pro et noe* ma weġibx għar-rikors ta' Mark Attard biex jinħareġ il-kontromandat. Jispjega li huwa kellu l-intenzjoni li jirrispondi għal dan ir-rikors iżda però dakinhar inzerta li l-avukat tiegħu kien ma jiflaħx. Jgħid li l-avukat tiegħu kien għadda din l-informazzjoni lill-qorti permezz tal-Prokuratur Legali iżda din l-informazzjoni ma ġietx aċċettata;

4. Iżid jgħid ukoll li d-digriet finali għandu jitħassar għaliex ma tqisux il-provi li tressqu aktar tard fil-kawża prinċipali li hemm pendenti bejn il-partijiet u jagħlaq billi jisħaq li huwa ma kienx ħaqqu jeħel il-penali;

5. Minħabba f'hekk huwa talab lil din il-qorti sabiex:

> *«1. Fl-ewwel lok, tirrevoka kontrajo [sic] imperio d-digriet finali mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti fil-21 ta' Lulju, 2021;*
>
> 2. *Fit-tieni lok, fin-nuqqas ta' dikriet favorevoli dwar l-ewwel talba, tvarja d-dikriet finali tagħha tal-21 ta' Lulju, 2021 u tvarja r-raba' kap tad-deċiżjoni billi tiddikjara li ebda penali ma hija dovuta lil Mark Attard;*
>
> *3. Tordna l-ħruġ mill-ġdid tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru. 802/2021 fl-ismijiet Johan Huy f'ismu personali u għan-nom u in rappresentanza ta' White Sails Co. Limited.»*

***Fatti***

6. B'sentenza mogħtija fid-9 ta' Diċembru, 2020, il-Bord Li Jirregola l-Kera ta sentenza, li bis-saħħa tagħha laqa' talba ta' Mark Attard, biex Johan Huy jitlaq mid-dar, bl-isem '*Denise*', li tinsab fi Triq is-Soll, Santa Venera. Johan Huy

appella minn din is-sentenza quddiem il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) iżda l-appell tiegħu ġie miċħud b'sentenza finali tat-22 ta' Settembru, 2021;

7. Sadattant fil-5 ta' Mejju, 2021, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet żewġ talbiet, waħda ta' Johan Huy u oħra ta' White Sails Co. Ltd, biex jinħarġu żewġ mandati ta' sekwestri kawtelatorji bin-numri 676/2021 u 677/2021 kontra Mark Attard, fl-ammonti ta' €50,000 u €100,000 rispettivament;

8. Wara li ntlaqgħu dawn il-mandati, il-Bank of Valletta p.l.c. u l-HSBC Malta plc ppreżentaw fl-atti tal-istess mandati, żewġ ċedoli ta' depożitu ta' flejjes li kienu miżmumin magħhom fuq isem Mark Attard;

9. Johan Huy *pro et noe* fetaħ kawża fit-28 ta' Mejju, 2021, fl-ismijiet ***Johan Huy pro et nomine v. Mark Attard*** **(Rik Nru: 514/2021),** fejn fiha huwa talab illi jiġi mħallas għad-danni li allegatament ġarrab minħabba l-azzjonijiet meħuda minn Mark Attard. Fil-kawża, Johan Huy *pro et noe* ma semma l-ebda ammont ta' ħlas speċifiku, iżda ħalla l-likwidazzjoni f'idejn il-qorti, bl-għejun, jekk ikun hemm bżonn, ta' perit tekniku;

10. Dakinhar stess li ġiet ippreżentata din il-kawża, Johan Huy *pro et noe* talab u kiseb it-tielet mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 802/2021, fl-ammont din id-darba ta' €200,000. Dan l-aħħar mandat huwa l-mertu ta' din il-proċedura;

11. Ir-raġuni għaliex intalab dan l-aħħar mandat kienet minħabba, «*danni kkaġunati mis-sekwestrat lis-sekwestranti; talbiet kif dedotti aħjar f'kawża rikors ġuramentat kontestwali*»;

12. B'digriet tas-7 ta' Lulju, 2021, il-qorti ordnat in-notifika lil Johan Huy *pro et noe* u skont il-liġi tagħtu sebat ijiem żmien biex jekk irid jippreżenta nota bħala tweġiba għat-talbiet ta' Mark Attard;

13. Minkejja li Johan Huy *pro et noe* ġie notifikat fit-12 ta' Lulju, 2021, huwa għażel li ma jdaħħal l-ebda nota jew tweġiba;

14. Fil-21 ta' Lulju, 2021, il-qorti tat digriet li permezz tiegħu ħassret il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 802/2021 skont l-**artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** għax sabet li dan kien *prima facie* mhux ġustifikat u kkundannat lil Johan Huy *pro et noe* sabiex iħallas penali lil Mark Attard, fis-somma ta' erbat elef u ħames mitt ewro (€4,500);

15. Aktar tard, fit-22 ta' Settembru, 2021, Johan Huy *pro et noe* ressaq dan ir-rikors li bis-saħħa tiegħu qiegħed jitlob lil din il-qorti biex tirrevoka *contrario imperio* d-digriet preċedenti tagħha tal-21 ta' Lulju, 2021;

***Konsiderazzjonijiet***

16. B'din il-proċedura, Johan Huy *pro et noe* qed jitlob lil din il-qorti biex tirrevoka l-kontromandat maħruġ fil-21 ta' Lulju, 2021 u biex terġa' tagħti l-ħajja mill-ġdid lill-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 802/2021. Huwa qed jitlob ukoll biex il-qorti tneħħi l-penali li waħħlitu fid-digriet tal-21 ta' Lulju, 2021;

17. Il-qorti minnufih tgħid li bil-liġi mhux permissibbli għaliha li tħassar *contrario imperio* d-digriet tagħha tal-21 ta' Lulju, 2021, li permezz tiegħu laqgħet talba għall-ħruġ ta' kontromandat. Hekk ukoll, skont il-liġi mhux permissibbli għal din il-qorti li terġa' tagħti l-ħajja lil mandat kawtelatorju li jkun ġie mħassar. Dan hu hekk minn qari tal-**artikolu 836(5) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, li jgħid hekk:

> *«**<u>Ma għandu jsir ebda appell u kontestazzjoni minn digriet li jilqa' rikors imsemmi fis-subartikolu (1), u dan id-digriet ikun finali u irrevokabbli</u>**; u barra l-każ kontemplat fis-subartikolu (1)(a) ebda att kawtelatorju bħal dak ma jista' jinħareġ biex jiggarantixxi l-pretensjoni kontra l-persuna li kontriha l-att kawtelatorju hekk revokat ikun inħareġ, kemm-il darba fir-rikors għall-ħruġ ta' dak l-att kawtelatorju bħal dak ir-rikorrent ma jiddikjarax li jkunu nqalgħu ċirkostanzi minn meta ġie revokat l-att kawtelatorju ta' qabel, li jiġġustifikaw il-ħruġ ta' att kawtelatorju ġdid bħal dak li jkun ġie revokat, u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom, ma' dan,*

*japplikaw għal dak l-att kawtelatorju maħruġ mill-ġdid bis-saħħa ta' dak ir-rikors.»*

18. Il-fatt li digriet bħal dan ma jistax skont l-**artikolu 836(5) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jiġi kkontestat u attakkat, ġie mtenni bosta drabi fil-ġurisprudenza tagħna (ara *inter alia* ***Mary Doris Veneziani et v. Emanuel Farrugia et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Jannar, 2004 u ***Alexander Gray Bannerman et v. John Camilleri et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2019);

19. Jiġi b'hekk, li t-talbiet ta' Johan Huy *pro et noe* biex din il-qorti tħassar *contrario imperio* d-digriet tagħha tal-21 ta' Lulju, 2021 ma jistgħux jintlaqgħu;

20. Imma anke kieku stess, l-ilmenti mressqa minn Johan Huy *pro et noe* biex jitħassar jew jinbidel id-digriet tal-21 ta' Lulju, 2021 ma huma mistħoqqa xejn;

21. Tassew Johan Huy *pro et noe* kellu l-opportunità sħiħa li jekk irid jwieġeb għar-rikors ta' Mark Attard dwar il-ħruġ tal-kontromandat, iżda kien hu stess li għażel li ma jinqedix biha;

22. Qabel ma' din il-qorti tat id-digriet finali tagħha biex jinħareġ il-kontromandat fil-21 ta' Lulju, 2021, hija kienet tat digriet fis-7 ta' Lulju, 2021, li bis-saħħa tiegħu hija kienet ordnat bit-tħaddim tal-**artikolu 836(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, li kopja tar-rikors u tad-dokumenti kollha mehmużin miegħu kellhom jiġu notifikati lil Johan Huy *pro et noe*. Fl-istess digriet hu ġie mogħti żmien ta' sebat ijiem min-notifika, biex jekk irid jippreżenta nota li jkun fiha s-sottomissjonijiet kollha li jixtieq jagħmel, flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu l-pożizzjoni tiegħu;

23. Johan Huy *pro et noe* ġie notifikat bir-rikors ta' Mark Attard fit-12 ta' Lulju, 2021 u kellu għalhekk sa nhar it-Tnejn, 19 ta' Lulju, 2021 biex jekk irid iressaq nota skont il-liġi bid-difiża tiegħu. Però, *Johan Huy pro et noe* għażel li ma jressaqx din in-nota;

24. Johan Huy *pro et noe* iżda qed jgħid li l-avukat tiegħu Clarence Busuttil prova jinforma lill-qorti, permezz tal-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer li hu kien ma jiflaħx u għalhekk ippretenda li jkollu aktar żmien biex idaħħal in-nota bi tweġiba għar-rikors ta' Mark Attard;

25. Lil hemm mill-fatt li fl-atti tar-rikors ma jirriżultax prova li l-avukat Clarence Busuttil tabilħaqq kien marid waqt li kien għaddej it-terminu ta' Johan Huy *pro et noe* biex idaħħal in-nota, xorta waħda jibqa' l-fatt li din ir-raġuni mhijiex waħda fejjieda biex jitwaqqa' d-digriet tal-21 ta' Lulju, 2021 u dan għal żewġ raġunijiet ewlenija;

26. Fl-**<u>ewwel lok</u>**, jekk l-avukat ta' Johan Huy *pro et noe* ried jitlob estensjoni tat-terminu biex idaħħal in-nota bi tweġiba għar-rikors ta' Mark Attard, huwa ma kellux jibgħat messaġġ lill-qorti permezz tal-Prokuratur Legali jew billi jibgħat ittra elettronika lid-Deputat Reġistratur tal-Qorti. Is-serjetà u l-etika jitolbu li talba bħal din issir permezz ta' rikors fl-atti tal-proċeduri, anke jekk hemm bżonn bis-sehem ta' avukat kollega tiegħu billi jagħtih *firma di favore*;

27. Il-qorti tosserva li kull Imħallef ħa ġurament skont l-**artikolu 10 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** li ma jikkomunikax,

> «*direttament jew indirettament, ma' ebda waħda mill-partijiet f'kawża f'waħda jew oħra mill-qrati superjuri jew inferjuri, lanqas ma' l-avukati jew prokuraturi legali tagħhom, lanqas ma' ħaddieħor, fl-isem ta' waħda jew oħra mill-partijiet, dwar kawża li tkun għad ma nqatgħatx, jew li tkun sejra tibda jew tissokta f'waħda mill-qrati hawn fuq imsemmija, barra minn fil-qorti bil-miftuħ, ħlief fil-każijiet li l-liġi ssemmi espressament.*»;

28. Barra minn hekk, l-avukat ta' Johan Huy *pro et noe* kellu jkun jaf li skont l-**artikolu 25 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**,

> «*il-partijiet f'kawża,* ***<u>kif ukoll l-avukati, il-prokuraturi legali</u>****, u kull persuna oħra fl-isem u għall-partijiet f'kawża,* ***<u>ma jistgħux</u>****, taħt il-pieni msemmija fl-artikolu 997,* ***<u>jikkomunikaw privatament mal-imħallfin jew mal-maġistrati fuq affarijiet li</u>***

***<u>jkunu jew li għandhom jinġiebu quddiem waħda jew oħra mill-qrati tal-ġustizzja.</u>***»

29. Ifisser dan kollu, li Johan Huy *pro et noe* ma jistax iħossu aggravat għaliex il-qorti injorat il-messaġġ privat li l-avukat tiegħu prova jgħaddi b'mod ħażin lill-qorti permezz tal-Prokuratur Legali;

30. Il-qorti terġa' ttenni li l-etika u l-korrettezza professjonali kienu jitolbu li jekk l-avukat ried jitlob xi ħaġa lill-qorti huwa kellu jagħmel dan permezz ta' rikors fir-reġistru tal-qorti jew inkella permezz ta' talba waqt smigħ quddiem il-qorti u mhux billi jipprova jibgħat messaġġ privat permezz ta' Prokuratur Legali;

31. Terġa' u tgħid, wieħed ma jridx jinsa li skont l-**artikolu 836(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, Johan Huy *pro et noe* kellu sebat ijiem biex iressaq in-nota risponsiva u għalhekk l-avukat tiegħu kellu żmien biżżejjed biex iressaq rikors, jekk huwa ried jitlob estensjoni ta' żmien;

32. Żgur però mhux aċċettabbli li Johan Huy *pro et noe* jippretendi li din il-qorti kellha tieħu qies ta' messaġġi li ppruvaw jiġu mwassla b'mod privat lill-qorti. Ħaġa bħal din m'għandha ssir qatt għaliex tnawwar minn ġewwa l-amministrazzjoni xierqa tal-ġustizzja;

33. Fit-**<u>tieni lok</u>**, anke kieku stess sar ir-rikors kif suppost għall-estensjoni tat-terminu tan-nota, dan xorta ma setax jintlaqa'. It-terminu ta' sebat ijiem għall-preżentata tan-nota huwa terminu stabbilit mil-liġi u għalhekk il-qorti ma tistax titbiegħed minnu;

34. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Sammut v. Pellegrini Petit***, deċiża kważi mitt sena ilu fis-16 ta' Novembru 1920,

> «*… quando la legge stabilisce un termine entro cui un atto si deve compiere, quel termine, anzicché di prescrizione, è termine di decadenza, nel senso che decorso quel termine, quell'atto non sarebbe più ammissibile*.»;

35. Hekk ukoll, bħalma tajjeb qalet il-Qorti tal-Appell fiż-żminijiet aktar qrib għal-lum, fis-sentenza ***Wasim Rakib v. Bord Tal-Appelli Dwar Ir-Rifuġjati et*** deċiża fil-5 ta' Ottubru, 2018:

> *«termini ta' żmien stabbiliti mil-liġi għat-tressiq ta' atti tal-Qorti għandhom il-karatteristika ta' termini ta' dekadenza, u għalhekk huma perentorji. Dawn jitolbu l-ħarsien ad unguem u huma ta' ordni pubbliku (App. Inf. PS 6.2.2008 fil-kawża fl-ismijiet* **Kenneth Abela v. Aplan Limited et***), li jistgħu jitqajmu ex ufficio minn qorti jew minn tribunal (App. Inf. PS 12.12.2007 fil-kawża fl-ismijiet* **Salina Wharf Marketing Ltd v. Malta Tourism Authority** *u App. Inf. PS 12.2.2010 fil-kawża fl-ismijiet* **Mirjana Kovecevic v. Myoka Management Ltd***). Huma termini li ma jistgħux jinbidlu jew jitttawlu, imqar jekk kull parti taqbel dwar dan (App. Inf. (RRB) 21.3.1997 fil-kawża fl-ismijiet* **Giuseppe Caruana v. Charles Psaila** *(mhix pubblikata)).»*

36. F'dan il-każ it-terminu legali ta' sebat ijiem imsemmi fl-**artikolu 836(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** huwa sewwasew wieħed perentorju u għalhekk ma seta' jingħata l-ebda tiġdid jew estensjoni għal dak iż-żmien. Termini legali bħal dan jeħtieġu li jiġu osservati taħt piena ta' irritwalità u nullità (ara ***Vassallo Concrete Services Limited v. Direttur Ġenerali (Kuntratti)*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' April, 2015) u ma jistgħux jinbidlu jew jittawlu, imqar jekk kull parti taqbel dwar dan (ara ***Cutajar Construction Limited v. Pierre P. Gregoire*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Marzu, 2019);

37. Biex wieħed jiġbor kollox, ifisser dan kollu, li jekk id-digriet tal-21 ta' Lulju, 2021 ingħata mingħajr mal-qorti semgħet il-pożizzjoni ta' Johan Huy *pro et noe*, dan seħħ għaliex l-imsemmi Johan Huy *pro et noe* ma ressaqx in-nota risponsiva tiegħu fiż-żmien li tgħid il-liġi. Għalhekk jekk kien hemm xi nuqqas dan kien biss ta' Johan Huy *pro et noe* u żgur mhux tal-qorti li mxiet skont il-parametri tal-liġi;

38. Dan l-ilment ta' Johan Huy *pro et noe* għalhekk ma jistax jitqies bħala wieħed validu;

39. Bl-istess mod, mhux validu t-tieni argument ta' Johan Huy *pro et noe* li l-qorti messha tat id-digriet tagħha dwar il-ħruġ tal-kontromandat wara li tqis il-provi li kienu ħa jitressqu fil-kawża prinċipali li huwa fetaħ kontra Mark Attard. Dak li jidher li qed jaħrab lil Johan Huy *pro et noe*, huwa li jekk hu ried iressaq provi u dokumenti li jsostnu l-pożizzjoni tiegħu kontra l-ħruġ tal-kontromandat huwa messu ressaqhom man-nota risponsiva skont l-**artikolu 836(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Jekk huwa m'għamilx dan, huwa għandu jbati l-konsegwenzi tan-nuqqasijiet tiegħu;

40. Minbarra dan, skont l-**artikolu 836(4) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** l-qorti kellha tiddeċiedi dwar ir-rikors għall-ħruġ tal-kontromandat b'urġenza. Għalhekk Johan Huy *pro et noe* mhux siewi meta jgħid li l-qorti messha stenniet li tara xi provi kienu ħa jitressqu fil-kawża prinċipali li hemm għaddejja bejn il-partijiet, qabel ma tat id-digriet tal-21 ta' Lulju, 2021;

41. Fl-aħħar nett, lanqas ma hija xierqa t-talba ta' Johan Huy *pro et noe* biex din il-qorti tneħħi l-penali imposta fid-digriet tal-21 ta' Lulju, 2021. Dan għaliex fir-rikors tiegħu huwa ma semma l-ebda raġuni għaliex din il-penali ġiet imwaħħla b'mod ħażin;

42. Tajjeb li jingħad li skont id-digriet tal-21 ta' Lulju, 2021, din il-qorti sabet li Johan Huy *pro et noe* kien ħaqqu jeħel penali, mhux biss għar-raġuni msemmija fl-**artikolu 836(8)(b)** peress li mingħajr raġuni tajba huwa qabad u mar għall-ħruġ tal-mandat qabel ma ressaq talba preċedenti dwar il-pretensjonijiet tiegħu kontra Mark Attard, iżda anke għar-raġuni msemmija fl-**artikolu 836(8)(d)** li l-mandat inħareġ b'malizzja u biex iweġġa' minħabba li l-pretensjonijiet vagi ta' danni mressqa minnu ma kellhom qatt jiġbdu lejhom mandat ta' sekwestru katwelatorju fis-somma ta' €200,000, wara li ġa kien kien hemm fis-seħħ żewġ mandati ta' sekwestri oħra f'ammont totali ta' €150,000;

43. Fir-rikors tiegħu, ma sar l-ebda aċċenn minn Johan Huy *pro et noe* biex jipprova jmeri dawn is-sejbiet tal-qorti. Huwa jgħid biss li ma kienx ħaqqu jeħel il-penali u

jieqaf hemm. Lanqas imqar jipprova jagħti spjegazzjoni għaliex il-qorti ma kellhiex twaħħlu l-penali;

44. Id-dikjarazzjoni waħdanija tiegħu mhux miżżewġa ma' xi sottomissjoni jew argument, ma tista' qatt twassal għall-maħfra jew tneħħija tal-penali. Jiġi b'hekk, li lanqas din it-talba dwar it-tneħħija tal-penali ma tista' tiġi aċċettata;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-qorti qiegħda **tiċħad** it-talbiet kollha ta' Johan Huy *pro et noe* mressqa fir-rikors tiegħu tat-22 ta' Settembru, 2021 u qiegħda b'hekk iżżomm fis-seħħ id-digriet preċedenti tagħha tal-21 ta' Lulju, 2021;

**Tordna** li l-ispejjeż marbuta ma' dan ir-rikors u digriet jitħallsu kollha kemm huma minn Johan Huy *pro et noe*;

---

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

---

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**